**17 ta' April, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Raymond Falzon

**Approprjazzjoni Indebita**

*Għalkemm huwa veru li, għall-fini tar-reat ta' approprijazzjoni bla jedd, ċerti awturi jikkunsidraw li l-intenzjoni li wieħed jirrestitwixxi l-oġġett tinnewtralizza l-iskop ta' qligħ jew profitt bi preġudizzju tal-vittma (profitt li del resto ma hemmx għalfejn ikun wieħed pekunjarju), tali intenzjoni, iżda, trid ikollha bħala fondament iċ-ċertezza tar-restituzzjoni u mhux tkun sempliċement ibbażata fuq l-isperanza ta' eventwali restituzzjoni; tali intenzjoni fil-parti l-kbira tal-każijiet timmanifesta ruħha fir-restituzzjoni effettiva u immedjata.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Raymond Falzon talli: (1) f'dawn il-Gżejjer, matul is-snin qabel id-9 ta' Frar, 1995, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulha b'risoluzzjoni waħda, approprja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn (a) merkanzija u jew flus li globalment jeċċedu l-Lm5000, liema merkanzija u/jew flus kien jappartjenu lil Mirage Holdings Ltd. u (b) merkanzija u/jew flus li globalment jeċċedu l-Lm1400 liema merkanzija u/jew flus kienu jappartjenu lil Forestals (Appliances) Ltd., liema merkanzija u/jew flus imsemmija f'(a) u (b) kienu ġew fdati jew ikkunsinjati lilu minħabba l-kummerċ, l-amministrazzjoni, il-kariga jew is-servizz tiegħu, taħt titolu illi kien iġib miegħu l-obbligu tar-radd ta' dik il-merkanzija u/ jew flus jew li jsir minnhom użu speċifikat; (2) kif ukoll talli kiser il-provvedimenti ta' l-artikolu 9 tal-Kap. 152 skond sentenza tat-23 ta' Lulju,1992;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-21 ta' Jannar, 1997 li permezz tagħha ma sabitx lill-imsemmi Raymond Falzon ħati skond it-tieni imputazzjoni (ta' ksur ta' l-artikolu 9) u minnha lliberatu, iżda sabitu ħati skond l-ewwel imputazzjoni u, wara li rat l-artikoli 293, 294 u 310 (1) (a) tal-

Kodiċi Kriminali, ikkundannatu tlettax-il (13) xahar priġunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Raymond Falzon minnu ppreżentata fil-31 ta' Jannar, 1997, li permezz tiegħu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza fis-sens li hu jiġi lliberat anke mill-ewwel imputazzjoni jew, alternattivament, ir-riforma tagħha kwantu għall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet anke lix-xhud Carol Calleja fl-udjenza tas-26 ta' Jannar, 1998; semgħet lid-difensuri tal-partijiet inklużi s-sottomissjonijiet magħmula fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant - aggravju li hu maqsum f'għaxar paragrafi fuq tliet faċċati - hu, bażikament, li l-Ewwel Qorti għamlet xi apprezzament ħażin taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Din il-Qorti tagħmilha ċara li mhux ser tittollera li l-appelli, u r-rikorsi ta'appell, jiġu utilizzati bl-iskop li dak li jkun jipprova jġib quddiem din il-Qorti fatti jew ċirkostanzi ġodda li setgħu jinġiebu quddiem l-Ewwel Qorti. Hu għalhekk inutili li l-appellant jipprova jimpressjona lil din il-Qorti bl-allegati diffikultajiet finanzjarji li sab ruħu fihom minħabba fatti u ċirkostanzi li ma jirriżultawx mill-atti, bħal per eżempju, l-allegata serqa mill-ħanut tiegħu, l-allegat negozju li kellu ma' ċertu Norbert Panzavecchia, ir-referenzi għad-diversi kawżi ċivili li allegatament hemm kontra dan Panzavecchia. Veru li fl-atti tal-kawża, u senjatament fl-istqarrijiet ta' l-appellant, hemm referenza żgħira u vaga għal xi uħud minn dawn l-affarijiet; iżda meta wieħed iqis li l-kawża (li kienet waħda sommarja bil-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali u ta' l-imputat - artikolu 370 (4) tal-Kap. 9) bdiet fid-9 ta' Frar, 1995 u l-prosekuzzjoni għalqet il-każ tagħha fis-15 ta' Jannar, 1996, l-appellant, allura imputat, kellu altru milli żmien biżżejjed biex iressaq il-fatti u ċirkostanzi kollha li xtaq iressaq a konjizzjoni ta' l-Ewwel

Qorti. F'sena sħiħa - bejn is-16 ta' Jannar, 1996 u d-data tas-sentenza, 21 ta' Jannar, 1997 - kull ma għamel l-appellant kien li xeħed biex jikkonferma li għandu jagħti liż-żewġ soċjetajiet involuti u li qiegħed fi trattattivi magħhom; u pproduċa lix-xhud Carol Calleja (26/9/96) biex jgħid li s-soċjetà Mirage Holdings Ltd. kienet irċeviet Lm200 akkont tas-somma akbar li kellha tirċevi. L-appellant, għalhekk kellu żmien biżżejjed biex, kieku verament ried, iressaq il-fatti u ċirkostanzi li ħafna minnhom huma msemmija l-ewwel darba fir-rikors ta' appell. Din il-Qorti hi sodisfatta li, a bażi tal-provi li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti, dik il-Qorti għamlet apprezzament ġust u korrett. Bażikament dak li rriżulta mill-provi hu li l-appellant kien irċeva mingħand iż-żewġ kumpanniji - Forestals (Appliances) Ltd. u Mirage Holdings Ltd. - diversi oġġetti ta' *household appliances*; dawn ingħataw lilu *on consignment*, bl-intiża li kif appena huwa jbiegħ xi ħaġa minnhom mill-ħanut tiegħu hu jħallas lill-kumpannija li tkun ipprovdietlu l-oġġett (ara d-deposizzjonijiet ta' Renè Aquilina, fol. 57; Charles Ellul, fol. 60; Carol Calleja, fol. 67, 69, 70; Tancred Tabone, fol. 74, 76); dawk l-oġġetti li ma jbiegħx kellu jirritornhom lill-kumpannija. Jirriżulta sodisfaċentement ippruvat li l-appellant biegħ xi uħud mill-oġġetti lilu suppliti bla ma qatt, però, ħallas lill-kumpannija li kienet ipprovdietlu l-istess oġġett. Fin-nuqqas ta' xi prova oħra, l-inferenza li wieħed neċessarjament jiġbed hi li l-flus l-appellant żammhom u utilizzahom għal xi skop ieħor. Fi kliem Carrara:

"*La appropriazione indebita si consuma col disporre della cose contro la legge del patto stipulato a buona fede*" (*Frode e truffa Opusc. di dir. crim.* vol. V. paġ. 344) ċitat minn Majno, L., *Commento al Codice Penale Italiano*, UTET (Milano), 1922 vol. IV, paġ. 104;

Mill-provi jirriżulta li ż-żewġ kumpanniji kien għad baqalhom jieħdu: Forestals Lm1,423 u Mirage Lm4,952.87. Fl-

istqarrijiet tiegħu li rrilaxxja lill-pulizija l-appellant isemmi lil ċertu Panzavecchia u s-Sabina Hotel u jgħid li hu għandu jieħu 'il fuq minn disat elef lira mingħand dan Panzavecchia in konnessjoni ma' *appliances* li huwa pprovda għal din il-lukanda (ara l-istqarrijiet tas-7/2/94, fol. 18, u tas-16/1/95, fol. 19). Però mill-istqarrija tat-30 ta' Jannar, 1995 (fol. 24) jirriżulta li l-istess appellant kien involut f'xi negozjati biex jixtri l-imsemmija lukanda. Ħawwad x'ħawwad l-appellant ma' dan Panzavecchia - jibqa' l-fatt li l-*appliances* kienu ingħatawlu miż-żewġ kumpanniji bil-kundizzjoni jew li jirritorna l-oġġett lura jekk ma jinbiegħx jew jekk jinbiegħ li hu <u>immedjatament</u> iħallas lill-kumpannija. Jekk hu għażel li jikkonsenja xi uħud minn dawn l-oġġetti *on credit* flok *against cash payment* lil ħaddieħor jew jekk, kif jidher mill-istqarrija tat-30/1/95 (partikolarment fol. 27 u 28), hu utilizza dawn l-*appliances* bħala forma ta' depożitu in konnessjoni man-negozju li kien qed jagħmel ma' Panzavecchia jiġi li kien qed idawwar dawn l-oġġetti bi profitt għal dak il-ħaddieħor kif ukoll għalih, u b'hekk japproprja ruħu minnhom kontra r-rieda ta' sidhom; kien qiegħed, fi kliem ieħor, ibiddel il-*causa possidendi* fir-rigward ta' dawk l-oġġetti f'*causa dominii*;

Aggravju ieħor ta' l-appellant hu li ma kellux id-*dolo* meħtieġ għar-reat in diżamina. Hu jgħid li hu qatt ma kellu l-intenzjoni li ma jirrestitwix l-oġġetti (jew ir-rikavat tagħhom) lill-kumpanniji. L-appellant hawnhekk qiegħed jilgħab bil-kliem. L-element formali ta' dan ir-reat jikkonsisti fil-"*volontarietà della conversione con scienza della sua illegittimità, e dal fine di lucro*" (Majno, L., *op. cit.*, p. 105). Huwa veru li ċerti awturi, inkluż dak ċitat mill-istess appellant (Giovanni Giuriati, *Trattato di Diritto Penali*, Vol. XI, *Delitti Contro la Proprietà*, Casa Editrice Dott. Francesco Vallardi (Milano), 1913, pp. 375-376) jikkunsidraw li l-intenzjoni li wieħed jirrestitwixxi l-oġġett tinnewtralizza l-iskop ta' qligħ jew profit bi preġudizzju tal-vittma (profitt, li *del resto*, ma

hemmx għalfejn ikun wieħed pekunjarju). Tali intenzjoni, iżda, irid ikollha bħala fondament iċ-ċertezza tar-restituzzjoni u mhux tkun sempliċement ibbażata fuq l-isperanza ta' eventwali restituzzjoni, tali intenzjoni fil-parti l-kbira tal-każijiet timmanifesta ruħha fir-restituzzjoni effettiva u immedjata (ara Giuriat, G., *ibid.*, Antolisei, F., *Manuale di Diritto Penale - Parte Speciale I*, Giuffrè (Milano), 1986, pp. 285-286). F'dan il-każ l-element formali tar-reat jirriżulta sodisfaċentement ippruvat;

L-appellant jilmenta ukoll mill-piena. Din il-Qorti ma tarax li għandha tvarja l-piena karċerarja imposta fuqu mill-Ewwel Qorti. In vista, però, ta' l-isforzi li l-appellant jidher li għamel biex iħallas liż-żewġ kumpanniji, kif jidher anke mid-deposizzjoni ta' Carol Calleja mogħtija quddiem din il-Qorti fl-udjenza tas-26 ta' Jannar, 1998, mnejn jirriżulta li hu issa ħallas dak kollu li kien dovut lill-kumpannija Mirage Holdings Ltd., il-Qorti hi tal-fehma li għandha tipprovdi kif infraskritt;

Għall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens biss illi b'applikazzjoni ta' l-artikoli 28A u 28H tal-Kodiċi Kriminali, tordna li s-sentenza ta' tlettax-il xahar priġunerija m'għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul il-perijodu ta' tliet snin mil-lum, l-imsemmi Raymond Falzon jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, b'dan li qed tobbliga ukoll lil istess Raymond Falzon jirrestitwixxi lil Forestals (Appliances) Ltd. is-somma ta' elf, erba' mija u tlieta u għoxrin lira (Lm1,423) fi żmien erba' xhur mil-lum, bil-konsegwenzi skond is-subartikoli (4) u (5) ta' l-artikolu 28H fin-nuqqas; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Il-Qorti spjegat bi kliem ċar lill-ħati kemm ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija, kif ukoll ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28H jekk hu jonqos li jikkonforma ruħu mad-direttiva

ta' restituzzjoni.